# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 488/2015/VG**

**Yellow Pages (Malta) Limited**

**Vs**

**David FARMER [ID 68463A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf erba' mija hamsa u hamsin euro u disghin centezmi ta' euro [€1,455.90c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Li l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €1,455.90 rappresentanti bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' reklamar u servizzi ancillari debitament ipprestati lilu, u li naqas li jhallas minghajr ebda raguni valida, minkejja diversi interpellanzi.

> Bl-imghaxijiet legali minn meta inghata s-servizz, u bl-ispejjez legali kollha, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru, 2013, tal-interpellanzi bonarji kollha u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kontestwali, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-30 ta' Lulju, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' l-Avukat Simon Galea Testaferrata jikkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. GaleaTestaferrata ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf erba' mija hamsa u hamsin euro u disghin centezmi ta' euro [€1,455.90c] rappresentanti bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' reklamar u servizzi ancillari debitament ipprestati lilu.

Ikkunsidra;

2. L-Avukat Simon Galea Testaferrata kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   > *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
   >
   > (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   > *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
   >
   > *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fit-30 ta' Lulju, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprežentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf erba' mija hamsa u hamsin euro u disghin centezmi ta' euro [€1,455.90c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru, 2013, sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**